# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: Id-Disinn u t-Teknoloġija

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: X**
**Akkademika**: **XX**
**Vokazzjonali:** _____

Is-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija huwa offrut bħala suġġett akkademiku b'taħlita ta' tagħlim applikat fejn l-assessjar isir permezz ta' proġetti li fihom tiġi applikata t-teknoloġija mad-disinn u li jservu biex jgħinu t-trawwim tal-ħiliet tal-ħsieb tas-seklu 21. Dan huwa suġġett ġeneriku u jwassal għal studji oħra kemm fil-livell akkademiku (eż. Inġinerija Elettrika u Mekkanika, Arkitettura, Innovazzjoni u Disinn ta' Prodotti), f'livell applikat u f'dak vokazzjonali (eż. fl-MCAST: relatati mad-disinn, inġinerija u żvilupp tan-negozju permezz tad-disinn tal-prodotti), filwaqt li jgħin lil kull min irid jiżviluppa l-kapaċitajiet tad-disinn, il-komunikazzjoni u l-ħsieb għal kwalunkwe professjoni futura.

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**

Is-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija jiffoka fuq it-teknoloġija applikata fit-tfassil ta' soluzzjonijiet fiżiċi għall-ħtiġijiet tal-bniedem, fil-kreattività, fl-intraprenditorija u fl-innovazzjoni. It-tagħlim isir permezz ta' riċerka dwar it-teknoloġija u l-ħtiġijiet tal-bniedem, soluzzjonijiet għall-problemi tad-disinn, is-sejba ta' soluzzjonijiet tekniċi permezz ta' sketches u billi jinbnew prototipi. L-istudenti japplikaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom billi jibnu soluzzjonijiet f'ambjent ta' workshop u jevalwaw b'mod kritiku x-xogħol ta' xulxin, l-iżvilupp personali u l-ittestjar tal-prodott.

**Lista ta' temi studjati:**

*[Jekk jogħġbok innota illi s-suġġetti ta' hawn taħt fl-aspett tad-disinn huma offruti flimkien (1 a, b, c) ma' parti jew l-aspetti kollha tat-teknoloġija (approċ spirali)]*

*1. Aspett tad-Disinn*
*a. Proċess tad-Disinn u Innovazzjoni*
*b. Data u Riċerka*
*ċ. Ħsieb Kritiku u Sostenibbiltà*

*2. Aspett tat-Teknoloġija*
*a. Materjali u kif jinħadmu (l-aktar plastik, injam, metalli, smart-materials u fibri)*
*b. Sistemi u Kontroll (disinn tas-sistema, l-elettronika, mikrokontrolluri diġitali, mekkaniżmu, strutturi)*
*ċ. Grafika (2D, 3D, CAD-CAM, Estetika u disinn grafiku)*

*3. Saħħa u Sigurtà fl-aspetti ta' hawn fuq*

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

- Kompiti prattiċi biex jesploraw il-prinċipji teknoloġiċi.
- Disinji u proġetti bl-elettronika, materjal, grafika, disinn tal-prodott, stampar 3D u CADCAM.
- Kitba tad-dokumentazzjoni fil-portafoll tad-Disinn.
- Proġett interattiv finali għas-SEC fl-10 u l-11-il sena (Proposta u Prototip).
- Is-sessjonijiet kollha jinżammu fil-laboratorju tad-Disinn Innovattiv u t-Teknoloġija fejn l-

istudenti jitgħallmu bil-prattika.
• Il-kostruzzjoni teknika kollha tal-proġett issir fl-iskola, bl-użu ta' materjal u tagħmir provdut.

**Xogħol assenjat għad-dar:**

*Jeħtieġ li fil-biċċa l-kbira tal-proġetti l-istudenti jagħmlu riċerka u jiksbu l-informazzjoni dwar il-proġett mid-dar, jiddisinjaw soluzzjonijiet permezz ta' sketches, jużaw is-softwer CAD, jaraw vidjows relatati, jikkompilaw il-folio tad-disinn.*

**Assessjar mogħti:**

*Bħalissa l-istudenti għandhom 50% tal-assessjar li jinkorpora x-xogħol tal-proġett tagħhom u l-50% l-oħra jikkonsisti f'eżami finali. M'hemmx eżamijiet ta' nofs is-sena fis-7 u t-8 Sena filwaqt li fid-9, l-10 u l-11-il Sena, dan huwa fakultattiv għal kull skola. Għalhekk ikun qed isir komponent kontinwu permezz tal-iddisinjar u t-twettiq ta' proġetti, li jservi wkoll bħala parti mill-assessjar tal-eżami annwali.*

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

*a) Ħiliet tal-ħsieb, soluzzjonijiet għall-problemi, intraprenditorija*
*b) Ħiliet tekniċi fl-applikazzjoni tax-xogħol tal-proġett*
*ċ) Ħiliet ta' komunikazzjoni fil-preżentazzjoni tal-ideat*
*d) Ħiliet ta' riċerka, eċċ.*

**Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**

*a) Fis-7 sena , l-istudenti jeħtieġ li jkollhom livell bażiku fil-litteriżmu u l-ħiliet numeriċi.*
*b) Fis-9 sena l-istudenti jrid ikollhom il-kors bażiku kopert fis-7 u t-8 Sena (offruti lill-istudenti kollha) bħala prerekwiżit.*
*ċ) Fl-għaxar sena l-istudenti għandhom ikunu kreattivi u jipproponu idea tagħhom stess għall-proposta tal-proġett tas-Sec.*
*d) Kull min qed jitgħallem u għaddej minn diżabilità fiżika jew fit-tagħlim jista' xorta jsegwi dan il-kors b'suċċess sakemm jirrispetta r-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fil-laboratorji.*

**Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni: Keith Galea**

**Indirizz elettroniku**: keith.galea@ilearn.edu.mt